MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 502/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-ewwel (1) t'April elf disgha mija u disgha u tmenin (1989);

Illi l-kontendenti ilhom separti *de* facto minn ftit qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom ossija dak in atti tan-Nutar Dottor Joseph Abela datat dsatax (19) ta' Ottubru elf disgha mija u disgha u disghin (1999) Dok. A;

Illi it-tfal tal-kontendenti illum huma lkoll maggorenni;

Illi l-partijiet kienu fil-kuntratt precitat ddekadew mid-dritt illi jippercepixxu manteniment minghand xulxin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jghixu separatament, presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;

Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kwesiti ghall-otteniment tal-hall miz-zwieg a tenur tal-artikoli 66A *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2012;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Ottubru 1999 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------